

Dan id-dokument għe magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

► **B**

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL 2012/642/PESK**

**tal-15 ta' Ottubru 2012**

**dwar miżuri restrittivi kontra l-Bjelorussja**

(ĠU L 285, 17.10.2012, p. 1)

Emendata minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
► <b><u>M1</u></b>	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2013/248/PESK tad-29 ta' Mejju 2013	L 143	24	30.5.2013
► <b><u>M2</u></b>	Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/308/PESK tal-24 ta' Ġunju 2013	L 172	31	25.6.2013
► <b><u>M3</u></b>	Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/534/PESK tad-29 ta' Ottubru 2013	L 288	69	30.10.2013
► <b><u>M4</u></b>	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2014/24/PESK tal-20 ta' Jannar 2014	L 16	32	21.1.2014
► <b><u>M5</u></b>	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2014/439/PESK tat-8 ta' Lulju 2014	L 200	13	9.7.2014
► <b><u>M6</u></b>	Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/750/PESK tat-30 ta' Ottubru 2014	L 311	39	31.10.2014
► <b><u>M7</u></b>	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/1142 tat-13 ta' Lulju 2015	L 185	20	14.7.2015

Kkoreġuta minn:

- **C1** Emendi, Ġ.U. L 297, 15.10.2014, p. 41 (2014/24/PESK)
- **C2** Emendi, Ġ.U. L 328, 13.11.2014, p. 61 (2014/439/PESK)
- **C3** Emendi, Ġ.U. L 176, 7.7.2015, p. 41 (2014/439/PESK)



**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL 2012/642/PESK**

**tal-15 ta' Ottubru 2012**

**dwar miżuri restrittivi kontra l-Bjelorussja**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Billi:

- (1) Il-Kunsill l-ewwel adotta miżuri restrittivi kontra l-Bjelorussja taħt il-Pożizzjoni Komuni 2004/661/PESK <sup>(1)</sup>. Hu kompla jesprimi t-tħassib serju tiegħu dwar il-kontinwazzjoni ta' nuqqas ta' rispett għad-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija u l-istat tad-dritt fil-Bjelorussja, u li l-priġunieri politiċi ma ġewx meħlusa jew riabilitati, u għalhekk ġedded u estenda l-miżuri tiegħu.
- (2) Fil-25 ta' Ottubru 2010, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2010/639/PESK dwar miżuri restrittivi kontra l-Bjelorussja <sup>(2)</sup>.
- (3) Tħassib speċifiku wassal għall-impożizzjoni ta' miżuri restrittivi kontra persuni li r-Rapport Pourgourides iqis bħala atturi ċentrali fl-għajbien mhux solvut ta' erba' persuni magħrufa sew fil-Bjelorussja fl-1999-2000, u l-kopertura sussegwenti, jew li naqsu milli jibdeu investigazzjoni indipendenti jew prosekuzzjoni rigward dan l-għajbien.
- (4) Ġew imposti wkoll miżuri kontra dawk responsabbli għall-elezzjonijiet u r-referendum frodulenti fil-Bjelorussja fis-17 ta' Ottubru 2004, għall-ksur tal-istandards elettorali internazzjonali fl-elezzjonijiet presidenzjali fil-Bjelorussja fid-19 ta' Marzu 2006 u fid-19 ta' Diċembru 2010 kif ukoll dawk responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u r-repressjoni ta' dimostrandanti paċifiċi b'segwitu għal dawk l-elezzjonijiet u dak ir-referendum.
- (5) Responsabbiltà partikolari taqa' fuq l-uffiċjali direttament involuti jew responsabbli għan-natura frodulenti tal-elezzjonijiet presidenzjali u r-referendum; dawk responsabbli għall-organizzazzjoni u d-disseminazzjoni ta' informazzjoni falsifikata permezz tal-media kkontrollata mill-Istat; dawk responsabbli għall-użu eċċessiv u bla provokazzjoni ta' forza kontra dimostrandanti paċifiċi u mhux armati; dawk responsabbli għall-implimentazzjoni tas-sanzjonijiet amministrattivi u kriminali li għaddejjin, li huma motivati politikament, kontra gruppi kbar ta' rappreżentanti tas-soċjetà ċivili, l-oppożizzjoni demokratika, l-NGOs u l-media ħielsa fil-Bjelorussja, u dawk responsabbli għall-vjolazzjoni sistematika u kkoordinata tal-istandards internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem u l-liġijiet tar-Repubblika tal-Bjelorussja fl-amministrazzjoni tal-ġustizzja u l-eżerċitar ta' metodi ta' sfurzar u intimidazzjoni kontra r-rappreżentanti legali tad-detenuti u kontra individwi oħrajn.

<sup>(1)</sup> ĠU L 301, 28.9.2004, p. 67.

<sup>(2)</sup> ĠU L 280, 26.10.2010, p. 18.

**▼B**

- (6) Barra minn hekk, minħabba l-gravità tas-sitwazzjoni, għandhom ukoll jiġu imposti miżuri fuq persuni f'pożizzjoni ta' tmexxija fil-Bjelorussja, u fuq persuni u entitajiet li jibbenefikaw mir-reġim ta' Lukashenka jew jappoġġawh, b'mod partikolari l-persuni u l-entitajiet li jipprovdu appoġġ finanzjarju jew materjali lir-reġim.
- (7) Sabiex tiġi żgurata l-effettività ta' dawn il-miżuri, dawn għandhom japplikaw ukoll għall-entitajiet li huma proprjetà ta', jew ikkontrollati minn, persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem jew għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili u tal-oppożizzjoni demokratika, jew li l-attivitajiet tagħhom ikunu serjament jipperikolaw id-demokrazija jew l-istat tad-dritt fil-Bjelorussja, u għall-entitajiet li huma proprjetà ta', jew ikkontrollati minn, persuni u entitajiet li jibbenefikaw mir-reġim ta' Lukashenka jew jappoġġawh.
- (8) Waqt li jinnota li nstab li l-elezzjonijiet l-aktar reċenti tat-23 ta' Settembru 2012 ukoll mhumiex konsistenti mal-istandards internazzjonali, b'mod partikolari fis-sejbiet preliminari tal-missjoni ta' osservazzjoni elettorali OSCE/ODIHR għall-Bjelorussja, u li s-sitwazzjoni rigward id-demokrazija, id-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt ma tji bitx, il-Kunsill jibqa' serjament imħasseb bis-sitwazzjoni fil-Bjelorussja.
- (9) Abbażi ta' analiżi tad-Deċiżjoni 2010/639/PESK, il-miżuri restrittivi għandhom jiġu estenzi sal-31 ta' Ottubru 2013.
- (10) Għall-finijiet ta' ċarezza, il-miżuri imposti mid-Deċiżjoni 2010/639/PESK għandhom jiġu integrati fi strument legali uniku,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

1. Il-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni ta' armi u ta' materjal relatat ta' kull tip, inklużi armi u munizzjon, vetturi u tagħmir militari, tagħmir paramilitari u partijiet ta' rikambju għal dawk imsemmijin hawn fuq, kif ukoll tagħmir li jista' jintuża għar-repressjoni interna, lill-Bjelorussja minn ċittadini tal-Istati Membri jew mit-territorji tal-Istati Membri jew permezz ta' bastimenti jew inġenji tal-ajru bil-bandiera tagħhom, għandhom ikunu pprojbiti kemm jekk joriġinaw fit-territorji tagħhom kif ukoll jekk le.

2. Għandu jiġi pprojbit:

- (a) il-forniment, dirett jew indirett, ta' assistenza teknika, servizzi ta' senserija jew servizzi oħra relatati mal-oġġetti msemmija fil-paragrafu 1 jew relatati mal-forniment, il-manifattura, il-manutenzjoni u l-użu ta' tali oġġetti, lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fi, jew għall-użu fil-Bjelorussja;
- (b) il-forniment, dirett jew indirett, ta' finanzjament jew assistenza finanzjarja relatati mal-punti msemmija fil-paragrafu 1, inklużi b'mod partikolari għotjiet, self u assigurazzjoni ta' kreditu għall-esportazzjoni, għal kwalunkwe bejgħ, forniment, trasferiment jew esportazzjoni ta' tali oġġetti, jew għall-forniment ta' assistenza teknika, servizzi ta' senserija jew servizzi oħra relatati lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fi, jew għall-użu, fil-Bjelorussja;

**▼B**

- (c) il-parteċipazzjoni, konxjentement u intenzjonalment, f'attivitajiet, li l-objettiv jew l-effett tagħhom hu li jevitaw il-projbizzjonijiet imsemmija fil-punti (a) jew (b).

*Artikolu 2*

1. L-Artikolu 1 m'għandux japplika għal:

- (a) il-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni ta' tagħmir militari li ma joqtolx, jew ta' tagħmir li jista' jintuża għar-repressjoni interna, maħsub biss għal użu umanitarju jew protettiv, jew għall-programmi tan-Nazzjonijiet Uniti (NU) u l-Unjoni għat-tiswir ta' istituzzjonijiet, jew għal operazzjonijiet tal-UE u tan-NU ta' maniġġar ta' kriżijiet;
- (b) il-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni ta' vetturi mhux tal-għied li ġew manifatturati jew mgħammra b'materjali biex jipprovdut protezzjoni ballistika, maħsuba biss għall-użu protettiv ta' persunal tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha fil-Bjelorussja;
- (c) il-forniment ta' assistenza teknika, servizzi ta' senserija u servizzi oħrajn relatati ma' tali tagħmir, jew ma' tali programmi u operazzjonijiet;
- (d) il-forniment ta' finanzjament jew assistenza finanzjarja relatati ma' tali tagħmir jew ma' tali programmi u operazzjonijiet,

bil-kundizzjoni li tali esportazzjonijiet u assistenza jkunu ġew approvati minn qabel mill-awtorità kompetenti rilevanti.

2. L-Artikolu 1 m'għandux japplika għal ilbies protettiv, inklużi għkieket kontra l-flak u elmi militari, esportati temporanjament lejn il-Bjelorussja minn persunal tan-NU, minn persunal tal-Unjoni jew tal-Istati Membri tagħha, minn rappreżentanti tal-media u ħaddiema umanitarji u dawk li jaħdmu fl-iżvilupp u persuni assoċjati għall-użu personali tagħhom biss.

*Artikolu 3*

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji biex jipprevjenu d-dħul fit-territorji tagħhom, jew it-tranżitu minnhom, tal-persuni:

- (a) responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem jew ir-repressjoni tas-soċjetà ċivili u l-oppożizzjoni demokratika, jew li l-attivitajiet tagħhom ikunu serjament jipperikolaw id-demokrazija jew l-istat tad-dritt fil-Bjelorussja, jew kwalunkwe persuna assoċjata magħhom;
- (b) li jibbenefikaw mir-reġim ta' Lukashenka jew jappoġġawh,

kif elenkat fl-Anness.

2. Il-paragrafu 1 m'għandux jobbliga Stat Membru biex jiċħad id-dħul fit-territorju tiegħu liċ-ċittadini tiegħu stess.

▼ **B**

3. Il-paragrafu 1 m'għandux ikun ta' preġudizzju għall-każijiet fejn Stat Membru ikun marbut b'xi obbligu taħt id-dritt internazzjonali, jiġifieri:

- (a) bħala pajjiż li jospita organizzazzjoni intergovernattiva internazzjonali;
- (b) bħala pajjiż li jospita konferenza internazzjonali mlaqqa' min-Nazzjonijiet Uniti jew taħt il-patroċinju tan-Nazzjonijiet Uniti;
- (c) taħt ftehim multilaterali li jikkonferixxi privileġġi u immunitajiet; jew
- (d) taħt it-Trattat ta' Konċiljazzjoni tal-1929 (il-Patt tal-Lateran) konkluż mis-Santa Sede (l-Istat tal-Belt tal-Vatikan) u l-Italja.

4. Il-paragrafu 3 għandu jitqies bħala li japplika wkoll f'każijiet fejn Stat Membru huwa l-pajjiż ospitanti tal-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa (OSKE).

5. Il-Kunsill għandu jkun infurmat debitament fil-każijiet kollha fejn Stat Membru jagħti eżenzjoni skont il-paragrafi 3 jew 4.

6. L-Istati Membri jistgħu jagħtu eżenzjonijiet mil-miżuri imposti fil-paragrafu 1 fejn l-ivvjaġġar ikun ġustifikat abbażi ta' hteġa urġenti umanitarja, jew abbażi tal-attenzenza f'laqgħat intergovernattivi, inklużi dawk promossi jew ospitati mill-Unjoni, jew ospitati minn Stat Membru li jkollu l-Prezidenza attwali tal-OSKE, fejn jitmexxa djalogu politiku li jippromwovi direttament id-demokrazija, id-drittijiet tal-bniedem u l-istat ta' dritt fil-Bjelorussja.

7. Stat Membru li jixtieq jagħti l-eżenzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 6 għandu jinnotifika lill-Kunsill bil-miktub. L-eżenzjoni għandha tiġi kunsidrata bħala mogħtija sakemm wieħed mill-Membri tal-Kunsill jew iktar ma jagħmlux oġġezzjoni bil-miktub fi żmien jumejn ta' xogħol minn meta tiġi rċevuta n-notifika tal-eżenzjoni proposta. Fil-każ li membru wieħed jew aktar tal-Kunsill joġġezzjonaw, il-Kunsill, li jaġixxi b'maġġoranza kkwalifikata, jista' jiddeċiedi li jagħti l-eżenzjoni proposta.

8. F'każijiet fejn, skont il-paragrafi 3, 4, 6 u 7, Stat Membru jawtorizza d-dħul, jew t-transitu mit-territorju tiegħu ta' kwalunkwe persuna mniżżla fl-Anness, l-awtorizzazzjoni għandha tkun ristretta għall-għan li għalih tkun ingħatat u għal dik il-persuna kkonċernata b'dan.

*Artikolu 4*

1. Il-fondi u r-riżorsi ekonomiċi kollha li jappartjenu lil, huma l-proprjetà ta', huma miżmuma minn jew huma kkontrollati minn:

- (a) persuni, entitajiet jew korpi responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem jew għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili u tal-oppożizzjoni demokratika, jew li l-attivitajiet tagħhom ikunu serjament jipperikolaw id-demokrazija jew l-istat tad-dritt fil-Bjelorussja, jew kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp assoċjati magħhom, kif ukoll persuni ġuridiċi, entitajiet jew korpi li huma proprjetà ta', jew ikkontrollati minnhom;
- (b) persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi li jibbenefikaw mir-reġim ta' Lukashenka jew jappoġġawh, kif ukoll persuni ġuridiċi, entitajiet jew korpi li huma proprjetà tagħhom jew ikkontrollati minnhom,

kif elenkat fl-Anness għandhom jiġu ffriżati.

**▼B**

2. L-ebda fond jew riżors ekonomiku m'għandu jsir disponibbli, direttament jew indirettament, lil jew għal beneficiċju ta' tali persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi elenkati fl-Anness.

*Artikolu 5*

1. L-awtorità kompetenti ta' Stat Membru tista' tawtorizza r-rilaxx ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati jew li ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi jsiru disponibbli, taħt tali kondizzjonijiet li hi tikkunsidra adatti, wara li tkun iddeterminat li l-fondi jew ir-riżorsi ekonomiċi konċernati huma:

- (a) meħtieġa biex jiġu sodisfatti l-ħtiġijiet bażiċi ta' kwalunkwe persuna elenkata fl-Anness u l-membri tal-familja dipendenti minnha, inklużi pagamenti għal ikel, kera jew ipoteki, mediċini u kura medika, taxxi, premiums tal-assigurazzjoni, u ħlasijiet ta' servizzi pubbliċi;
- (b) maħsubin esklussivament għall-ħlas ta' drittijiet professjonali raġonevoli u għar-rimbors ta' spejjeż li jsiru li huma assoċjati mal-provvista ta' servizzi legali;
- (c) maħsubin esklussivament għall-pagament ta' miżati jew ħlasijiet għal servizzi fiż-żamma jew manteniment ta' rutina ta' fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati;
- (d) meħtieġa għal spejjeż straordinarji, bil-kondizzjoni li l-awtorità kompetenti tkun innotifikat ir-raġunijiet li għalihom tqis li għandha tingħata awtorizzazzjoni speċifika lill-awtoritajiet kompetenti l-oħra u lill-Kummissjoni, tal-anqas ġimagħtejn qabel l-awtorizzazzjoni; jew
- (e) biex jitħallsu fi jew jinħarġu minn, kont ta' missjoni diplomatika jew konsulari jew ta' organizzazzjoni internazzjonali li tgawdi minn immunitajiet skont id-dritt internazzjonali, sa fejn tali pagamenti jkunu maħsubin biex jintużaw għal skopijiet uffiċjali tal-missjoni diplomatika jew konsulari jew tal-organizzazzjoni internazzjonali.

L-Istati Membri għandhom jinfirmaw lill-Istati Membri l-oħrajn u lill-Kummissjoni bi kwalunkwe awtorizzazzjoni mogħtija taħt dan l-Artikolu.

2. L-Artikolu 4(2) m'għandux japplika għaż-żieda mal-kontijiet iffriżati ta':

- (a) imgħax jew qligħ ieħor fuq dawk il-kontijiet; jew
- (b) ħlasijiet dovuti taħt kuntratti, fehimiet jew obbligi li kienu ġew konklużi jew li saru qabel id-data li fiha dawk il-kontijiet saru soġġetti għad-dispożizzjonijiet tal-Pożizzjoni Komuni 2006/276/PESK, id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/639/PESK jew din id-Deċiżjoni.

u dment li tali imgħax, dħul u pagamenti oħrajn jibqgħu soġġetti għall-Artikolu 4(1) ta' din id-Deċiżjoni.

3. L-Artikolu 4(1) m'għandux iżomm lil persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp elenkat milli jagħmel pagament dovut skont kuntratt li kien daħal għalih qabel ma tali persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp ġie elenkat fil-lista, dment li l-Istat Membru rilevanti jkun iddetermina li l-pagament ma jiġix riċevut direttament jew indirettament minn persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp imsemmi fl-Artikolu 4(1).

**▼ B***Artikolu 6*

1. Il-Kunsill, filwaqt li jaġixxi fuq proposta minn Stat Membru jew mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, għandu jadotta emendi għal-listi li jidhru fl-Anness kif meħtieġ mill-iżviluppi politiċi fil-Bjelorussja.
2. Il-Kunsill għandu jikkomunika d-deċiżjoni tiegħu lill-persuna kkonċernata, inklużi r-raġunijiet għall-elenkar tagħha fil-lista, direttament, jekk l-indirizz ikun magħruf, jew permezz tal-pubblikazzjoni ta' notifika, li ttiprovdi lil tali persuna bil-possibbiltà li tippreżenta osservazzjonijiet.
3. Fejn jiġu ppreżentati osservazzjonijiet, jew provi sostanzjali ġodda, il-Kunsill għandu jirrevedi d-deċiżjoni tiegħu u jinforma lill-persuna ikkonċernata kif meħtieġ.

*Artikolu 7*

Sabiex jiġi massimizzat l-impatt tal-miżuri msemmija hawn fuq, l-Unjoni għandha thegħgeġ lil Stati terzi biex jadottaw miżuri restrittivi simili għal dawk imniżżlin f'din id-Deċiżjoni.

**▼ M2***Artikolu 8*

1. Il-miżuri msemmija fl-Artikolu 3(1), safejn dawn japplikaw għas-Sur Uladzimir Uladzimiravich Makei, għandhom jiġu sospiżi waqt li jżomm il-kariga ta' Ministru tal-Affarijiet Barranin tar-Repubblika tal-Bjelorussja.

**▼ M6**

2. Din id-Deċiżjoni għandha tapplika sal-31 ta' Ottubru 2015. Din għandha tinżamm taħt reviżjoni kostanti. Hija għandha tiġġedded, jew tiġi emendata, kif ikun meħtieġ, jekk il-Kunsill iqis li l-objettivi tagħha ma ntlaħqux.

**▼ B***Artikolu 9*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Novembru 2012

## ▼ M3

## ANNEX

## Persuni u entitajiet imsemmijin fl-Artikoli 3(1) u 4(1)

## A. Persuni

	Ismijiet Traskrizzjoni ta' ortografija Bjelorussa Traskrizzjoni ta' ortografija Russa	Ismijiet (ortografija Bjelorussa)	Ismijiet (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elencar
1.	Ablameika, Sjarhei Uladzimiravich Ablameiko, Sergei Vladimirovich (Ablameyko, Sergey Vladimirovich)	АБЛАМЕЙКА, Сяргей Уладзіміравіч	АБЛАМЕЙКО, Сергей Владимирович	Data tat-twelid: 24.9.1956, Voronovo, Reġjun ta' Hrodna Indirizz: ул. Бобруйская, 5а Minsk Bjelorussja	Rettur tal-Università Statali tal-Bjelorussja. Huwa kien responsabbli għall-espulsjoni ta' diversi studenti mill-Università minħabba li pparteċipaw f'id-dimostrazzjonijiet fid-19 ta' Diċembru 2010 u f'dimostrazzjonijiet paċifiki oħra fl-2011.
4.	Alinikau Sjarhei Aliaksandravich (Alinikau Sjarhey Alyksandravich) Aleinikov Sergei Aleksandrovich	АЛИНИКАЎ, Сяргей Аляксандравіч	АЛЕЙНИКОВ, Сергей Александрович		Sindku, kap tal-unità operattiva tal-kolonja penali IK-17 fi Shklov. Tefa' pressjoni fuq prigionieri politiċi billi ċaħħadhom mid-dritt tagħhom ta' korrispondenza u laqgħat, ħareġ ordnijiet biex jiġu soġġetti għal reġim kriminali aktar strett, tiftix u heddihom sabiex jikseb konfessjonijiet. Huwa kien direttament responsabbli għall-ksur tad-drittijiet tal-bniedem ta' prigionieri politiċi u attivisti tal-oppożizzjoni fl-2011-2012 bl-użu ta' forza eċċessiva kontrihom. L-azzjonijiet tiegħu kienu jikkostitwixxu ksur dirett tal-impenji internazzjonali tal-Bjelorussja fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem.
5.	Alpeeva, Tamara Mikhailauna (Alpeyeva, Tamara Mikhailauna; Alpeeva, Tamara Mikhailovna; Alpeyeva, Tamara Mikhailovna)	АЛПЕЕВА, Тамара Міхайлаўна	АЛПЕЕВА, Тамара Михайловна	Data tat-twelid: 1949 Indirizz: Международный гума- нитарно-экономи- ческий институт. 220028, Минск, ул. Маяковского, 129 II-Bjelorussja	Rettur tal-Istitut Umanitarju-Ekonomiku Internazzjonali. Direttur tal-Kulleġġ Statali tal-Politeknika ta' Minsk Responsabbli għat-tkeċċija ta' studenti involuti fil-protesti wara l-elezzjonijiet ta' Diċembru 2010.

## ▼ M6

## ▼ M3



## ▼ M3

	Ismijiet Traskrizzjoni ta' ortografija Bjelorussa Traskrizzjoni ta' ortografija Russa	Ismijiet (ortografija Bjelorussa)	Ismijiet (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-clenkar
6.	Ananich, Alena Mikalaeuna Ananich, Elena Nikolaevna (Ananich, Yelena Nikolaevna)	АНАНИЧ, Елена Мікалаеўна	АНАНИЧ, Елена Николаевна	Indirizz: Суд Перво- майского района г. Минска 220012, г. Минск, ул. Толбухина, 9	Viçi President fil-Qorti tad-Distrett ta' Pervomayski tal-belt ta' Minsk. Ex-imhalef fil-Qorti ta' Pervomayski Rayon tal-belt ta' Minsk. Hija kienet direttament involuta fir-repressjoni ġudizzjarja tad-dimostranti paċifiċi fid-19 ta' Diċembru 2010. Fl-20 ta' Diċembru 2010, ikkundannat għal 10 ijiem ħabs lill-attivisti tas-soċjetà ċivili Pavel Shalamitski, Mikhail Piatrenka, Yauhen Batura u Tatsiana Grybouskaya, kif ukoll lil Tornike Berydze għal 11-il jum ħabs. Il-mod kif mexxiet il-proċess kien ksur ċar tal-Kodiċi tal-Proċedura Kriminali. Hija sostniet l-użu ta' evidenza u ta' testimonjanzi irrilevanti għall-akkużati.
7.	Ananich, Liliia Stanislavauna (Ananich, Lilia Stanislavauna; Ananich, Liliya Stanislavauna) Ananich, Liliia Stanislavovna (Ananich, Lilia Stanislavovna; Ananich, Liliya Stanislavovna)	АНАНИЧ, Лілія Станіславаўна	АНАНИЧ, Лилия Станиславовна	Data tat-twelid: 1960 Post tat-twelid: Leonovo, distrett ta' Borisov, reġjun ta' Minsk ID: 4020160A013PB7 Indirizz: 220004, г. Минск, пр. Победи- телей, 11 Уфiцiċĵу Nru 506 Il-Bjelorussja	L-Ewwel Viçi Ministru tal-Informazzjoni. Sa mill-2003 kellha rwol prinċipali fil-promozzjoni tal-propaganda tal-istat, li tipprovoka, tappoġġa u tiġġustifika r-repressjoni tal-oppożizzjoni demokratika u s-soċjetà ċivili, u billi trażżan il-libertà tal-mezzi tal-informazzjoni. L-oppożizzjoni demokra- tika u s-soċjetà ċivili jitpinġew sistematikament b'mod negattiv u deroga- torju, bl-użu ta' informazzjoni falsifikata.
▼ M5					
▼ M3	9. Arlau Aliaksey (Arlau Aliaksei) Arlau Aliaksandr Uladzimiravich Orlov Aleksei (Orlov Alexey) Orlov Aleksandr Vladimirovich (Orlov Alexandr Vladimirovich)	АРЛАЎ, Аляксей Арлаў Аляксандр Уладзіміравіч	ОРЛОВ, Алексей Орлов Александр Владимирович	Indirizz: КГБ 210623, г. Минск, проспект Независи- мости, 17	Kurunell, kap taċ-ċentru ta' detenzjoni tal-KGB f'Minsk. Huwa kien perso- nalment responsabbli għal trattament jew kastig krudili, inuman u degra- danti ta' dawk li kienu miżmuma matul il-ġimġhat u x-xhur ta' wara t-trażżin tad-dimostrazzjoni ta' protesta wara-l-elezzjoni f'Minsk fid-19 ta' Diċembru 2010. L-azzjonijiet tiegħu kienu jikkostitwixxu ksur dirett tal-impenni internazzjonali tal-Bjelorussja fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem.

## ▼ M3

	Ismijiet Traskrizzjoni ta' ortografija Bjelorussa Traskrizzjoni ta' ortografija Russa	Ismijiet (ortografija Bjelorussa)	Ismijiet (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar
10.	Atabekau Khazalbek Bakhtibekavich Atabekov Khazalbek Bakhtibekovich	АТАБЕКАЎ, Хазалбек Бактібекавіч	АТАБЕКОВ, Хазалбек Бахтибекович (АТАБЕКОВ, Кхазалбек Бахтибекович)		Kurunell, kmandant ta' brigata speċjali tat-Truppi Interni fis-subborg ta' Uruchie f'Minsk. Huwa kkmanta l-unità tiegħu matul it-trażżin tad-dimostrazzjoni ta' protesta wara l-elezzjoni f'Minsk fid-19 ta' Diċembru 2010 fejn sar użu eċċessiv ta' qawwa. L-azzjonijiet tiegħu kienu jikkostitwixxu ksur dirett tal-impjenji internazzjonali tal-Bjelorussja fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem.
11.	Badak Ala Mikalaeuna Bodak Alla Nikolaevna	БАДАК, Ала Мікалаеўна	БОДАК, Алла Николаевна	Data tat-twelid: 30.8.1967 Numru tal-passaport: SP0013023 Indirizz: 10 Kollektor- naya str. 220004 Minsk BJELORUSSJA	Viċi Ministru tal-Ġustizzja, inkarigata mill-apoġġ legali għall-istituzzjonijiet li jabbozzaw atti leġislattivi u regolatorji. Il-funzjonijiet tagħha jinkludu s-supervizzjoni tal-abbozzar tal-leġislazzjoni. Hija kienet responsabbli għar-rwol u l-azzjoni tal-Ministeru tal-Ġustizzja u l-ġudikatura tal-Bjelorussja, li huma strumenti ewlenin tar-repressjoni tal-popolazzjoni, billi elaborat liġijiet li huma repressivi fir-rigward tas-soċjetà ċivili u l-oppożizzjoni demokratika.
12.	Bakhmatau, Ihar Andreevich Bakhtmatov, Igor Andreevich	БАХМАТАЎ, Ігар Андрэевіч	БАХМАТОВ, Игорь Андреевич	Indirizz: БФСО “Динамо” 220030, г. Минск, ул. Кирова 8 корп. 2	Kien involut attivament fir-repressjoni tas-soċjetà ċivili fil-Bjelorussja. Bħala ex-Viċi Kap tal-KGB, inkarigat mill-persunal u l-organizzazzjoni tad-dmirijiet tagħhom, kien responsabbli għall-attività repressiva tal-KGB kontra s-soċjetà ċivili u l-oppożizzjoni demokratika. Ġie riassenjat mal-forzi tar-riżerva f'Mejju 2012. Membri wkoll tal-Kunsill Ċentrali ta' CJSC Dinamo- Minsk li huwa elenkat fil-punt 20 tat-Taqsima B.
13.	Balauniou, Mikalai Vasilievich Bolovnev, Nikolai Vasilievich	БАЛАЎНЕЎ, Мікалай Васільевіч	БОЛОВНЕВ, Николай Васильевич	Indirizz: Суд Заводс- кого района г. Минска 220107, г. Минск, пр. Партизанский, 75А	Imħallef fil-Qorti Distrettwali ta' Zavodskoi tal-belt ta' Minsk. Huwa kien direttament involut fir-repressjoni ġudizzjarja tad-dimostranti paċifiċi fid-19 ta' Diċembru 2010. Fl-20 ta' Diċembru 2010, huwa kkundanna lill-attivisti tas-soċjetà ċivili Ihar Pashkovich, Dzimtry Pashyk, Anton Davydenka, Artsem Liaudanski u Artsem Kuzmin għal 10 ijiem ħabs. Il-mod kif mexxa l-proċessi kien ksur ċar tal-Kodiċi tal-Proċedura Kriminali. Aċċetta l-użu ta' evidenza u xhieda li ma kellhiex rilevanza għall-akkużat.

## ▼ M6

## ▼ M3

	Ismijiet Traskrizzjoni ta' ortografija Bjelorussa Traskrizzjoni ta' ortografija Russa	Ismijiet (ortografija Bjelorusa)	Ismijiet (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-clenkar
14.	Bandarenka Siarhei Uladzimiravich Bondarenko Sergei Vladimirovich	БАНДАРЭНКА, Сяргей Уладзіміравіч	БОНДАРЕНКО, Сергей Владимирович	Data tat-twelid possibbli: 1978 Indirizz: Суд Перво- майского района г. Минска 220012, г. Минск, ул. Толбухина, 9	Imhallet tal-Qorti Distrettwali Pervomaiski ta' Minsk. Fl-24 ta' Novembru 2011 huwa kkundanna lil Ales Byalyatski, wieħed mill-aktar difensuri prominenti tad-drittijiet tal-bniedem, Kap taċ-Ċentru Bjelorusu tar-Riżorsi Umani 'Vyasna', Viċi President tal-FIDH. Il-proċess tmexxa b'mod li kien ksur ċar tal-Kodiċi tal-Proċedura Kriminali.  Byalyatski kien attiv fid-difiża u l-għoti ta' għajnuma lil dawk li sofrew minn repressjoni marbuta mal-elezzjonijiet tad-19 ta' Diċembru 2010 u t-trażżin tas-soċjetà ċivili u tal-oppożizzjoni demokratika.
15.	Baranouski, Andrei Fiodaravich  Baranovski, Andrei Fedorovich  (Baranovski, Andrey Fedorovich)	БАРАНОЎСКИ, Андрэй Федаравіч	БАРАНОВСКИЙ, Андрей Федорович	Indirizz: Суд Парти- занского района г. Минска 220027, г. Минск, ул. Семашко, 33	Imhallet fil-Qorti Distrettwali ta' Partizanski tal-belt ta' Minsk. Huwa kien direttament involut fir-repressjoni ġudizzjarja tad-dimostranti paċifiċi fid-19 ta' Diċembru 2010. Fl-20 ta' Diċembru 2010, huwa kkundanna lill-attivisti tas-soċjetà ċivili Siarhei Piakarchyk u Siarhei Navitski għal 13-il jum ħabs, kif ukoll lil Yauhen Kandratsu għal 11-il jum ħabs. Il-mod kif mexxa l-proċessi kien ksur ċar tal-Kodiċi tal-Proċedura Kriminali. Aċċetta l-użu ta' evidenza u xhieda li ma kellhiex rilevanza għall-akkużat.
16.	Barovski Aliaksandr Genadzevich  Borovski Aleksandr Gennadievich	БАРОЎСКИ, Аляксандр Генадзевіч	БОРОВСКИЙ, Алек- сандр Геннадиевич		Prosekutur pubbliku tad-Distrettwali ta' Oktiabrski (Kastrichnitski) ta' Minsk. Huwa ttratta l-kawża ta' Pavel Vinogradov, Dmitri Drozd, Ales Kirkevich u Vladimir Homichenko. L-akkuża ppreżentata minnu kellha motivazzjoni politika ċara u imminenti u kienet ksur ċar tal-Kodiċi tal-Proċedura Kriminali. Hija kienet ibbażata fuq klassifikazzjoni żbaljata tal-avvenimenti tad-19 ta' Diċembru 2010, mhux sostnuta b'evidenza, provi jew testimonjanzi tax-xhieda.
17.	Barsukou, Aliaksandr Piatrovich  Barsukov, Aleksandr Petrovich	БАРСУКОЎ, Аляк- сандр Пятровіч	БАРСУКОВ, Алек- сандр Петрович	Data tat-twelid: 29.4.1965 Indirizz: Беларусь, 220007 г. Минск, переулок Добромыс- ленский, 5	Kurunell, Kap tal-pulizija ta' Minsk. Sa mill-ħatra tiegħu bħala Kap tal-pulizija ta' Minsk fil-21 ta' Ottubru 2011, kien responsabbli, bħala kmandant, għar-repressjoni ta' madwar tużżana dimostranti paċifiċi f'Minsk, li aktar tard ġew ikkundannati għal ksur ta' liġi f'avvenimenti tal-massa. Għal diversi snin huwa kmandant l-azzjoni tal-pulizija kontra d-dimostrazzjonijiet fit-toroq tal-oppożizzjoni.

## ▼ M3

	Ismijiet Traskrizzjoni ta' ortografija Bjelorussa Traskrizzjoni ta' ortografija Russa	Ismijiet (ortografija Bjelorussa)	Ismijiet (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-clenkar	
18.	Barysionak, Anatol Uladzimiravich (Barysyonak, Anatol Uladzimiravic) Borisenok, Anatoli Vladimirovich (Borisenok, Anatoli Vladimirovich; Borisionok, Anatoli Vladimirovich; Borisyonok, Anatoliy Vladimirovich)	БАРЫСЁНАК, Анатоль Уладзіміравіч	БОРИСЕНОК, Анатолий Владимирович	Indirizz: Суд Парти- занского района г. Минска 220027, г. Минск, ул. Семашко, 33	Imhallet fil-Qorti Distrettwali ta' Partizanski ta' Minsk. Fl-2010-2011 huwa mmulta jew ikkundanna lir-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili li ġejjin għad-dimostrazzjonijiet paċifiċi tagħhom: a) 2011.06.23, Belush Zmitser, 20 unità bażi ta' kuljum (700 000 BLR); b) 2010.12.20, Zhawnyak Ihar, 30 unità bażi ta' kuljum (1 050 000 BLR); c) 2010.12.20, Nyestser Aleh, 10 ijiem ħabs, d) 2010.12.20, Trybushewski Kiryl, 10 ijiem ħabs; e) 2010.12.20, Murashkevich Vyachaslaw, 10 ijiem ħabs. Ripetutament impona sentenzi ta' ħabs u multi kbar kontra dawk involuti f'dimostrazzjonijiet paċifiċi u, b'riżultat ta' dan, kien responsabbli għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili u tal-oppożizzjoni demokratika fil-Bjelorussja.	
19.	Batura, Mikhail Paulavich Batura, Mikhail Pavlovich	БАТУРА, МІХАІЛ Паўлавіч	БАТУРА, Михаил Павлович	Data tat-twelid: 16.5.1950 PtT: Kliukovichi, distrett ta' Novogrudok, reġjun ta' Hrodna	Rettur tal-Università Statali tal-Informatika u r-Radjelettronika ta' Minsk. Direttur tal-Kulleġġ Statali tal-Politeknika ta' Minsk Responsabbli għat-tkeċċija ta' studenti involuti fil-protesti wara l-elezzjonijiet ta' Diċembru 2010.	
▼ M7	20.	Bazanau, Aliksandr Viktaravich Bazanov, Aleksandr Viktorovich	БАЗАНАЎ, Аляксандр Віктаравіч	БАЗАНОВ, Александр Викторович	Data tat-twelid: 26.11.1962, Kazakistan Indirizz: 220004, Бела- русь, Минск, пр-т Победителей, 7 Информационно-анали- тический центр	Viċi Direttur ġenerali ta' Beltelecom inkarigat mir-relazzjonijiet esterni u r-relazzjonijiet ma' istituzzjonijiet tal-Istat. Eks Direttur taċ-Ċentru tal-Informazzjoni u l-Analiżi tal-Amministrazzjoni tal-President li jaġixxi bħala wieħed mill-għejjun prinċipali tal-propaganda tal-istat, li jappoġġa u jiġġustifika r-repressjoni tal-oppożizzjoni demokratika u s-soċjetà ċivili.
▼ M5						
▼ M3	22.	Bileichyk, Aliksandr Uladzimiravich Bileichik, Aleksandr Vladimirovich (Bileychik, Aleksandr Vladimirovich)	БІЛЕЙЧЫК, Аляксандр Уладзіміравіч	БІЛЕЙЧИК, Алек- сандр Владимирович	Data tat-twelid: 1964 Indirizz: 10, Kollektornaya str. 220004 Minsk BJELORUSSJA	L-Ewwel Viċi Ministru tal-Ġustizzja, inkarigat mis-servizzi ġudizzjarji, l-istatus ċivili u s-servizzi notarili. Il-funzjonijiet tiegħu jinkludu s-supervizzjoni u l-kontroll tal-Professjoni Legali. Kellu rwol prinċipali fit-tneħħija mill-professjoni kważi sistematika tal-avukati li ddefendew priġunieri politiċi.

	Ismijiet Traskrizzjoni ta' ortografija Bjelorussa Traskrizzjoni ta' ortografija Russa	Ismijiet (ortografija Bjelorussa)	Ismijiet (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar
23.	Bortnik, Sjarhei Aliaksandrovich (Bortnik, Sjarhey Aliaksandrovich) Bortnik, Sergei Aleksandrovich (Bortnik, Sergey Aleksandrovich)	Бортнік, Сяргей Аляксандравіч	БОРТНИК, Сергей Александрович	Data tat-twelid: 28.5.1953 PtT: Minsk Indirizz: Ul. Surganova 80-263, Minsk Numru tal-passaport: MP0469554	Prosekutur Pubbliku. Fl-2006, ittratta l-każ tal-ex-kandidat presidenzjali Alyaksandr Kazulin li kien akkużat li f'Marzu 2006 organizza protesti kontra l-elezzjonijiet frodulenti. L-akkuża ppreżentata minnu kienet motivata politikament u kienet tinkludi ksur ċar tal-Kodiċi tal-Proċedura Kriminali. F'April 2012, qabel ukoll mal-impożizzjoni ta' supervizzjoni preventiva tal-pulizzija għal sentejn fuq l-attivisti politiku prominenti Pavel Vinogradau.
24.	Brysina, Zhanna Leanidauna Brysina, Zhanna Leonidovna	БРЫСІНА, Жанна Леанідаўна	Брысина, Жанна Леонидовна	Indirizz: Суд Заводско- го района г. Минска 220107, г. Минск, пр. Партизанский, 75А	Viċi President tal-Qorti Distrettwali Zavodskoi ta' Minsk, ex-imħallef tal-Qorti Distrettwali Zavodskoi ta' Minsk. Hija trattat il-kawża ta' Khaliphrina, Martselev Sergei, Severinets Pavel, rappreżentanti eċċellenti tas-soċjetà ċivili. Il-mod kif mexxiet il-proċess kien ksur ċar tal-Kodiċi tal-Proċedura Kriminali. Hija sostniet l-użu ta' evidenza u ta' testimonjanzi irrilevanti għall-akkużati.
25.	Bulash, Ala Biukbalauna Bulash, Alla Biukbalovna	БУЛАШ, Ала Бюкбалаўна	БУЛАШ, Алла Бюкбаловна,	Indirizz: Суд Октябрьского района г. Минск, 220027 ул. Семашко, 33	Viċi President tal-Qorti Distrettwali ta' Kastrichnitski ta' Minsk responsabbli għall-materji kriminali u ex-imħallef tal-Qorti Distrettwali ta' Oktiabrski (Kastrichnitski) ta' Minsk. Hija trattat il-kawża ta' Pavel Vinogradov, Dmitri Drozd, Ales Kirkevich, Andrei Protasenia, Vladimir Homichenko. Il-mod kif mexxiet il-proċess kien ksur ċar tal-Kodiċi tal-Proċedura Kriminali. Hija sostniet l-użu ta' evidenza u ta' testimonjanzi irrilevanti għall-akkużati.
26.	Bushchik, Vasil Vasilievich Bushchik, Vasili Vasilievich	БУШЧЫК, Васіль Васільевіч	Бушик, Василий Васильевич	Data tat-twelid: 26.2.1952 PtT: Vershok, distrett ta' Baranovichy, reġjun ta' Brest Indirizz: Белорусский государственный педа- гогический универ- ситет 220050, Беларусь г. Минск, ул. Советская, 18	Membru tal-Kummissjoni Elettorali Ċentrali (CEC). Bħala Membru tas-CEC, huwa kien responsabbli għall-ksur tal-istandards elettorali internazzjonali fl-elezzjonijiet Presidenzjali tad-19 ta' Diċembru 2010 u fl-elezzjonijiet Presidenzjali ta' Settembru 2012.

## ▼ M3

	Ismijiet Traskrizzjoni ta' ortografija Bjelorussa Traskrizzjoni ta' ortografija Russa	Ismijiet (ortografija Bjelorusa)	Ismijiet (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-clenkar
▼ M5					
▼ M3					
28.	Busko, Ihar Iauhenavich (Busko, Ihar Yauhenavich Busko, Igor Evgenievich (Busko, Igor Yevgenyevich)	Бусько, Ігар Яўгенавіч	Бусько, Игорь Евгеньевич	Indirizz: КГБ 210623, г. Минск, проспект Независи- мости, 17	Viċi Kap tal-KGB, ex-Kap tal-KGB tar-Reġjun ta' Brest. Responsabbli għall-ħidma repressiva tal-KGB kontra s-soċjetà ċivili u l-oppożizzjoni demokratika fir-reġjun ta' Brest u fil-Bjelorussja.
29.	Bychko, Aliaksei Viktaravich Bychko, Aleksei Viktorovich (Bychko, Alexey Viktorovich)	БЫЧКО, Аляксей Віктаравіч	БЫЧКО, Алексей Викторович	Indirizz: Минский городской суд 220092, г. Минск, ул. Дунина- Марцинкевича, 1	Imħallef fil-Qorti tal-Belt ta' Minsk, ex-imħallef fil-Qorti Distrettwali Ċentrali ta' Minsk. Fis-26 ta' Ottubru 2011, huwa kkundanna lill-attivisti tas-soċjetà ċivili Starhei Kazakou għal 10 ijiem ħabs. Il-mod kif mexxa l-proċessi kien ksur ċar tal-Kodiċi tal-Proċedura Kriminali. Aċċetta l-użu ta' evidenza u xhieda li ma kellhiex rilevanza għall-akkużat.
30.	Charhinets, Mikalai Ivanavich Cherginets, Nikolai Ivanovich	Чаргінец, Мікалай Іванавіч	ЧЕРГИНЕЦ, Николай Иванович	Data tat-twelid: 17.10.1937 PтТ: Minsk ID: 3171037A004PB4 Indirizz: Общественное объединение "Союз писателей Беларуси" 220034, г. Минск, ул. Фрунзе, 5	Kap tal-Għaqda tal-Kittieba li hija favur ir-reġim u President tal-Kunsill Pubbliku Repubblikan għall-Moralità (li jieħu sehem fl-attivitajiet ta' ċensura mir-reġim) u ex-President tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin tal-Kamra Superjuri. Sostenitur mill-qrib tal-President Lukashenka, u figura ċentrali fil-propaganda u ċ-ċensura tar-reġim.
31.	Charkas, Tatsiana Stanislavauna (Cherkas, Tatsiana Stanislavauna) Cherkas, Tatiana Stanislavovna	Чаркас, (ЧЭРКАС) Тацяна Станіславаўна	Черкас, Татьяна Станиславовна	Indirizz: Суд Фрунзен- ского района г. Минска 220092, г. Минск, ул. Д. Марцинкевича, 1, к. 2	Viċi President tad-Distrett ta' Frunzenski ta' Minsk, ex-imħallef tad-Distrett ta' Frunzenski ta' Minsk, li qed tittratta l-kawżi tad-dimostranti Aleksandr Otroshchenkov (ikkundannat għal 4 snin priġunerija taħt kondizzjonijiet ristretti), Aleksandr Molchanov (3 snin) u Dmitri Novik (3.5 snin priġunerija taħt kondizzjonijiet ristretti). Responsabbli għall-implimentazzjoni tas-sanzjonijiet amministrattivi u kriminali politikament-motivati kontra r-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili.

## ▼ M3

	Ismijiet Traskrizzjoni ta' ortografija Bjelorussa Traskrizzjoni ta' ortografija Russa	Ismijiet (ortografija Bjelorussa)	Ismijiet (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-clenkar
32.	Charniak, Alena Leanidauna  Cherniak, Elena Leonidovna  (Cherniak, Yelena Leonidovna; Chernyak, Yelena Leonidovna)	Чарняк, Алена Леанідаўна	Черняк, Елена Леонидовна	Indirizz: Суд Москов- ского района г. Минска  220042, г. Минск, Проспект газеты “Правда”, 27	Imhallet fil-Qorti ta' Moskovski Rayon tal-belt ta' Minsk.  Hija kienet direttament involuta fir-repressjoni ġudizzjarja tad-dimostranti paċifiċi fid-19 ta' Diċembru 2010. Fl-20 ta' Diċembru 2010, hija kkundannat lill-attivisti tas-soċjetà ċivili Andrei Eliseeu, Hanna Yakavenka, Henadz Chebatarovich rispettivament għal 10 ijiem, 11-il jum u 12-il jum ħabs. Il-mod kif mexxiet il-proċess kien ksur ċar tal-Kodiċi tal-Proċedura Kriminali. Hija sostniet l-użu ta' evidenza u ta' testimonjanzi irrilevanti għall-akkużati.
33.	Charnyshou, Aleh Anatolievich  Chernyshev, Oleg Anatolievich	ЧАРНЫШОЎ, Олег Анатольевіч	ЧЕРНЫШЕВ, Олег Анатольевич	Indirizz: КГБ 210623, г. Минск, проспект Неза- висимости, 17	Viċi Kap tal-KGB, inkarigat mill-intelligence estera, minn April 2014. Kurunell, kien responsabbli mill-unità ta' kontra t-terroriżmu tal-KGB, l-unità “Alpha”. Huwa pparteċipa personalment fit-trattament inuman u degradanti ta' attivisti tal-oppożizzjoni fiċ-ċentru ta' detenzjoni tal-KGB f'Minsk wara t-trażżin tad-dimostrazzjoni ta' protesta wara l-elezzjoni f'Minsk fid-19 ta' Diċembru 2010. L-azzjonijiet tiegħu kienu jikkostitwixxu ksur dirett tal-impenji internazzjonali tal-Bjelorussja fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem.
35.	Chatviartkova, Natallia Alexeevna  Chetvertkova, Natalia Alexeevna (Chetvertkova, Natalya Alexeevna)	ЧАТВЯРТКОВА, Наталля Алексееўна	ЧЕТВЕРТКОВА, Наталья Алексеевна		Kienet Viċi President u mhallet tal-Qorti Distrettwali ta' Partizanski ta' Minsk (sat-18.6.2012).  Hija trattat il-proċess tal-eks-kandidat presidenzjali Andrei Sannikov, attivista tas-soċjetà ċivili Ilia Vasilevich, Fedor Mirzoianov, Oleg Gnedchik u Vladimir Yeriomenok. Il-mod kif mexxiet il-proċess kien ksur ċar tal-Kodiċi tal-Proċedura Kriminali. Hija sostniet l-użu ta' evidenza u ta' xhieda irrilevanti għall-akkużati.

## ▼ M6

	Ismijiet Traskrizzjoni ta' ortografija Bjelorussa Traskrizzjoni ta' ortografija Russa	Ismijiet (ortografija Bjelorussa)	Ismijiet (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-clenkar
36.	Chubkavets Kiryl Chubkovets Kirill	Чубкавец, Кірыл	Чубковец, Кирилл		<p>Prosekutur pubbliku tal-kawża kontra l-ex-kandidati presidenzjali Nikolai Statkevich u Dmitri Uss, kif ukoll l-attivisti politiċi u tas-soċjetà ċivili Andrei Pozniak, Aleksandr Klaskovski, Aleksandr Kvetkevich, Artiom Gribkov u Dmitri Bulanov. L-akkuża ppreżentata minnu kellha motivazzjoni politika ċara u imminente u kienet ksur ċar tal-Kodiċi tal-Proċedura Kriminali. Hija kienet ibbażata fuq klassifikazzjoni żbaljata tal-avvenimenti tad-19 ta' Diċembru 2010, mhux sostnuta b'evidenza, provi jew testimonjanzi tax-xhieda.</p> <p>Bħala prosekutur tal-Istat huwa oppona l-appell ta' Ales Byalyatski rigward is-sentenza imposta fuqu mill-Qorti Distrettwali Pervomaiski ta' Minsk minkejja li l-proċess ta' Byalyatski tmexxa b'mod li kien ksur ċar tal-Kodiċi tal-Proċedura Kriminali.</p> <p>Byalyatski kien attiv fid-difiża u l-għoti ta' għajnuna lil dawk li sofrew minn repressjoni marbuta mal-elezzjonijiet tad-19 ta' Diċembru 2010 u t-trażżin tas-soċjetà ċivili u tal-oppożizzjoni demokratika.</p>
37.	Chyzh, Iury Aliksandravich (Chyzh, Yury Aliksandravich) Chizh, Iuri Aleksandrovich (Chizh, Yuri Aleksandrovich)	ЧЫЖ, Юрый Аляксандравіч	ЧИЖ, Юрий Александрович	<p>PtT: Soboli, Bierezovsky Rajon, Brestkaja Oblast (Соболи, Березовский район, Брестская область)</p> <p>Data tat-twelid: 28.3.1963</p> <p>Nru tal-passaport: SP 0008543 (validità attwali dubjuża).</p>	<p>Iury Chyzh huwa assoċjat mal-President Lukashenko u wliedu u jibbenefika minn u jappoġġa r-reġim ta' Lukashenko, speċjalment permezz tal-kumpannija holding tiegħu LLC Triple. L-attivitajiet tal-LLC Triple jinkludu attivitajiet li jirriżultaw minn għotjiet u konċessjonijiet pubbliċi mir-reġim. F'Ġunju 2013 ingħata mill-President Lukashenka l-ogħla distinzjoni tal-istat għas-servizzi tiegħu. Il-pożizzjonijiet li huwa għandu fil-qasam sportiv, speċjalment is-sħubija tiegħu fil-Kunsill Ċentrali tal-klabb tal-Isports tal-President u bħala President tal-Bord tal-klabb tal-futbol FC Dynamo Minsk u President tal-Federazzjoni Bjelorussa tal-lotta, jikkonfermaw l-assoċjazzjoni tiegħu mar-reġim.</p>
38.	Davydzka, Henadz Branislavovich  Davydko, Gennadi Bronislavovich	ДАВИДЗЬКА, Генадзь Браніслававіч	ДАВЫДЬКО, Геннадий Брониславович	<p>Data tat-twelid: 29.9.1955, Senno, Vitebsk region</p> <p>Indirizz: Белтеле-радио- компания,  ул. Макаенка, 9, Минск, 220807, Беларусь</p>	<p>President tal-kumpannija Radio-TV tal-Istat. President tal-kumpannija Radju-Televiziva tal-Istat Jiddeskrivi lilu nnifsu bħala demokratiku awtoritarju, kien responsabbli għall-promozzjoni tal-propaganda tal-istat fuq it-TV, li appoġġat u ġġustifikat ir-repressjoni tal-oppożizzjoni demokratika u s-soċjetà ċivili wara l-elezzjonijiet ta' Diċembru 2010. L-oppożizzjoni demokratika u s-soċjetà ċivili jitpinġew sistematikament b'mod negattiv u derogatorju, bl-użu ta' informazzjoni falsifikata.</p>



## ▼ M3

	Ismijiet Traskrizzjoni ta' ortografija Bjelorussa Traskrizzjoni ta' ortografija Russa	Ismijiet (ortografija Bjelorussa)	Ismijiet (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-clenkar
39.	Dubinina/Rouda, Zhanna Piatrouna  Dubinina/Rovdo, Zhanna Petrovna	ДУБІНІНА/ РОЎДА, Жанна Пятроўна	ДУБИНИНА/ РОВДО, Жанна Петровна	Indirizz: Суд Заводско- го района г. Минска  220107, г. Минск, пр. Партизанский, 75А	Imħallef fil-Qorti tad-Distrett ta' Zavodskoi ta' Minsk. Fl-2010 hija mmultat jew ikkundannat lir- rappreżentanti tas-soċjetà ċivili għad-dimostrazzjonijiet paċifiċi tagħhom: a) 2010.12.20, Hulyak Vital, 30 unità bażi ta' kuljum (1 050 000 BLR); b) 2010.12.20, Vaskabovich Lyudmila, 30 unità bażi ta' kuljum (1 050 000 BLR), c) 2010.12.20, Urywski Alyaksandr, 10 ijiem ħabs; d) 2010.12.20, Stashulyonak Veranika, 30 unità bażi ta' kuljum (1 050 000 BLR); e) 2010.12.20, Say Syarhey, 10 ijiem ħabs; f) 2010.12.20, Maksimenka Hastassya, 10 ijiem ħabs; g) 2010.12.20, Nikitarovich Yuliya, 10 ijiem ħabs. Ripetutament imponiet sentenzi ta' ħabs u multi kbar fuq dawk involuti f'dimostrazzjonijiet paċifiċi u, b'riżultat ta' dan, kienet responsabbli għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili u tal-oppożizzjoni demokratika fil-Bjelorussa.

## ▼ M6

40.	Dysko, Henadz Iosifavich  Dysko, Gennadi Iosifovich	ДЫСКО, Генадзь Іосіфавіч	ДЫСКО, Генадий Иосифович	Data tat-twelid: 1964  Post tat-twelid: Oshmiany, reġjun ta' Hrodna  Indirizz: 210601 г.Витебск, ул. Жесткова, 14а (ул. Zhestkova, 14a Vitebsk)	Prosekutur tar-Reġjun ta' Vitebsk sat-2.8.2011. Responsabbli għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili wara l-elezzjonijiet ta' Diċembru 2010. Dan jinkludi r-responsabbiltà għal kawżi kontra Siarhei Kavalenka u Andrei Haidukow.
41.	Dzemiantsei, Vasil Ivanavich (Dzemyantsey, Vasil Ivanovich)  Dementei, Vasili Ivanovich (Dementey, Vasili Ivanovich)	ДЗЕМЯНЦЕЙ, Васіль Іванавіч	ДЕМЕНТЕЙ, Василий Иванович	Data tat-twelid: 20.9.1954  Post tat-twelid: Distrett ta' Chashniki, reġjun ta' Vitebsk  ID: 3200954E045PB4  Indirizz: Гродненская региональная таможня 230003, г. Гродно, ул. Карского, 53	Kap tal-Kumitat reġjonali tad-Dwana ta' Hrodna, kien l-Ewwel Viċi President tal-KGB (2005-2007), kien Viċi Kap tal-Kumitat tad-Dwana tal-Istat. Huwa responsabbli għall-attività repressiva tal-KGB kontra s-soċjetà ċivili u oppożizzjoni demokratika, b'mod partikolari fl-2006 u l-2007.

## ▼ M6

	Ismijiet Traskrizzjoni ta' ortografija Bjelorussa Traskrizzjoni ta' ortografija Russa	Ismijiet (ortografija Bjelorusa)	Ismijiet (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-clenkar
42.	Dziadkou, Leanid Mikalaevich  Dedkov, Leonid Nikolaevich	ДЗЯДКОЎ, Леанід Мікалаевіч	ДЕДКОВ, Леонид Николаевич	Data tat-twelid: 10.1964 ID: 3271064M000PB3  Indirizz: КГБ 210623, г. Минск, проспект Неза- висимости, 17	Eks-Viċi Kap tal-KGB (minn Lulju 2013), inkarigat mill-intelligence estera. Kien responsabbli wkoll għall-attività repressiva tal-KGB kontra s-soċjetà ċivili u oppożizzjoni demokratika.
▼ M3	43. Esman, Valery Aliaksandravich  (Yesman, Valery Aliaksandravich)  Esman, Valeri Aleksandrovich  (Yesman, Valeri Aleksandrovich; Yesman, Valeriy Aleksandrovich)	ЕСЬМАН, Валерый Аляксандр-авіч	ЕСЬМАН, Валерий Александрович	Indirizz: Суд Центрального района г. Минска  220030, г. Минск, ул. Кирова, 21	Imħallef fil-Qorti Distrettwali Ċentrali tal-belt ta' Minsk. Huwa kien direttament involut fil-proċessi kontra dimostranti paċifiċi fid-19 ta' Diċembru 2010. Fl-20 ta' Diċembru 2010, huwa kkundanna lill-attivisti tas-soċjetà ċivili Siarhei Martynau, Dzmitry Chiarniak, Euhен Vaskovich għal 10 ijiem, 11-il jum u 12-il jum ħabs rispettivament. F'Ġunju, Lulju u Ottubru 2011, huwa kkundanna diversi attivisti oħra għal 10 ijiem u 11-il jum ħabs. Fil-25 ta' Frar 2013, huwa kkundanna fi proċess magħluq l-attivista Anatol Naumovich għal 15-il jum ħabs. Il-mod kif mexxa l-proċessi kien ksur ċar tal-Kodiċi tal-Proċedura Kriminali. Aċċetta l-użu ta' evidenza u xhieda li ma kellhiex rilevanza għall-akkużat.
